**28 ta' Marzu, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Lawrence Borg

*versus*

*Chairman* tal-*Planning Area Permits Board* u l-Onorevoli Ministru għall-Ambjent, u b'Nota tat-18 ta' Ġunju, 1993 iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar assuma l-atti tal-kawża flok iċ-*Chairman* tal-*Planning Area Permits Board*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Diskriminazzjoni – Politika – Bini Għoli ta' – Permess – *Planning Area Permits Board***

*Ir-rikorrent allega diskriminazzjoni politika billi ma ngħatax permessi jibni oltre ċertu għoli meta allega li ħaddieħor kien hemm bena. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba għax ma rriżultax il-fatt diskriminatorju. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

Il-Qorti: –

1. Ir-rikors tiegħu, ippreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Lawrence Borg, espona illi huwa bħala proprjetarju tal-lukanda *"Cerviola"*, Triq il-Qaliet, Marsascala, kien ottjena fit-8 ta' April, 1991, il-permessi neċessarji mill-*Planning Area Permits Board* sabiex jagħmel xogħlijiet addizzjonali;

2. Fl-1992 huwa ried jerġa' jagħmel xogħlijiet addizzjonali oħra, liema xogħlijiet kienu in konformità mal-politika tal-Ministeru tat-Turiżmu, u infatti, il-pjanijiet irċevew l-approvazzjoni tal-Bord tat-Turiżmu;

3. L-applikazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet, però, ġiet riġettata mill-imsemmi *Planning Area Permits Board* fit-8 ta' Mejju, 1992, u falla wkoll ir-rikjam li huwa għamel lill-Kumitat xelt tal-Kamra tad-Deputati. Ir-raġuni mogħtija kienet illi:

*"the height limitation of the area would be exceeded";*

bil-kostruzzjoni addizzjonali;

4. Fuq dawn il-fatti, Lawrence Borg deherlu li t-trattament li huwa rċieva kien manifestament diskriminatorju u attribwibbli għall-opinjoni politika jew diversa tiegħu billi persuni oħra, f'ċirkostanzi analoġi ngħataw permess – barra milli r-raġuni avvanzata hija insostenibbli;

5. Id-drittijiet fundamentali tiegħu, b'hekk ġew ivvjolati kif jgħidu l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ta' l-istess Konvenzjoni;

6. L-intimati rrespinġew kull addebitu. Speċifikament, biex tiġi kkonsiderata l-lamentela ta' diskriminazzjoni politika, dik l-attività trid tiġi riskontrata, b'taħdit fuq il-politika, parteċipazzjoni attiva fi grupp, assoċjazzjoni jew partit politiku, jew fl-organizzazzjoni tagħhom, fejn ma jirriżulta minn dan fil-konfront tar-rikorrent;

7. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża fit-3 ta' Ġunju, 1993, u *inter alia* qalet:

"Illi l-mod kif tressaq l-ilment tiegħu r-rikorrent jitlob li l-eżami tal-Qorti jsir fuq żewġ aspetti prinċipali; wieħed, dwar jekk verament ir-rikorrent ġiex ittrattat b'mod diskriminatorju; l-ieħor, stabbilit li diskriminazzjoni kien hemm, jekk din kinitx dovuta għall-opinjoni politika li huwa jħaddan jew opinjoni oħra li huwa seta' kellu;

Jekk il-Qorti tasal biex taċċetta bħala ppruvat illi fiċ-ċaħda tal-permess għall-bini r-rikorrent ġie ttrattat b'mod diskriminatorju, allura jkun hemm il-ħtieġa li wieħed jara għaliex, u sussegwentement, jekk id-diskriminazzjoni li bata minnha tammontax għall-ksur ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u libertajiet fundamentali riportat fl-Ewwel Skeda ta' l-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja għall-invers, jekk il-Qorti ma tasalx biex issib ippruvata diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent, l-eżami jieqaf hemm;

Ikkunsidrat:

Illi tajjeb li jingħad minn issa stess, illi l-Qorti fl-analiżi dwar l-aċċertament jekk diskriminazzjoni kienx hemm, ma għandhiex u m'hijiex sejra tmur tibda biex tagħmel paraguni, jekk qabel ma jkunx ġie ppruvat lilha, illi għat-talba tar-rikorrent biex jinħariġlu l-permess tal-bini fuq il-pjanti minnu sottomessi ma kien hemm ebda ostakolu ta' liġi li tikkontrolla l-bini; l-anqas ma għandha l-Qorti tasal għall-konklużjoni illi diskriminazzjoni għandha tiġi ddikjarata jekk, ħaddieħor, in kontravvenzjoni ta' tali liġi, tħalla fit-tgawdija tal-kostruzzjonijiet mhux koperti minn permess mingħajr ma biss ġie pproċessat quddiem qorti jew malgradu proċess jew deċiżjoni tal-qorti;

Anke jekk, għall-grazzja ta' l-argument, ikun hemm ippruvati każijiet ta' kontravvenzjonijiet bħal dawn, ma jsegwix illi l-istess drittijiet u libertajiet kostituzzjonali li ssemmew, għandhom jiftiehmu li għandhom iħaddnu fil-protezzjoni tagħhom, dak kollu li jrid ir-rikorrent anke jekk l-estensjoni tassular il-ġdid minnu pproġettat ma tkunx skond il-liġi;

Ikkunsidrat:

Dwar il-mertu ta' l-applikazzjoni għall-permess tal-bini fih innifsu, jirriżulta lil din il-Qorti illi hemm żewġ ostakoli li l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jpoġġi għax-xorta ta' żvilupp li jipproponi r-rikorrenti: wieħed, illi l-pjan regolatur jimponi, fost ħwejjeġ oħra, illi fl-*area* in kwistjoni, il-bini ma għandux jogħla iżjed minn żewġ sulari, ħlief meta *si tratta* ta' stabbilimenti turistiċi bħal ma huma lukandi, (kif għandna fil-każ tallum) fejn allura l-bini jkun jista' jogħla sa tliet sulari; l-ieħor, illi l-għoli tal-bini propost jeċċedi dak li jsemmi l-artikolu 97 ta' l-istess Kodiċi;

Għalhekk, ir-rifjut tal-permess minħabba "*height limitation*" kien ġustifikat taħt l-imsemmija disposizzjonijiet fil-fehma tal-Qorti xejn ma jiswa li l-istess blokk għandu partijiet minnu li jeċċedu dan l-għoli u għal dina l-parti kien ġie maħruġ il-permess tal-*P.A.P.B.*;

Għal dawk li hu l-ilment ta' trattament diskriminatorju, diġà ntqal f'din is-sentenza x'inhi l-fehma tal-Qorti, u għalhekk il-Qorti mhix sejra tidħol biex tagħmel paraguni ma' permessi ta' bini ieħor jew biex teżamina kwistjonijiet relatati ma' opinjoni politika jew opinjoni oħra li r-rikorrent seta' jew jista' jkollu;

Għal dawna l-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, *stante* n-natura tal-każ; l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu mingħajr taxxa, dritt tar-Reġistru għar-rikorrent;

8. Ir-rikorrent appella għaliex jidhirlu li l-ewwel Qorti akkampat ir-raġunament tagħha esklussivament fuq l-ittra assoluta tal-liġi **mingħajr ma eżaminat ukoll il-punt kostituzzjonali li huwa s-sottostrat tar-rikors kollu**;

9. Minn eżami tal-provi kollha prodotti – li din il-Qorti għamlet biex dak li huwa l-punt prinċipali ta' l-appell jiġi sodisfatt – dak li verament laqatha hija l-assenza kompleta ta' provi fuq dak li r-rikorrent isejjaħ "is-sottostrat tat-talba tiegħu";

L-ewwel Qorti kienet verament proċeduralment abbondanti meta ppermettiet provi voluminużi u eżawrjenti fuq it-"teknikalità" tar-regolamenti u l-liġijiet tal-bini, u l-operat ta' l-awtoritajiet li daħlu fil-kwistjoni – mill-Ministeru tat-Turiżmu għall-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi. U dan huwa rifless perfettament kemm fis-sentenza, u kemm fl-istess rikors ta' appelli: f'liema rikors infatti fuq is-suppost "**fatti** diskriminatorji" hemm dedikati sewwa sew żewġ linji ta' natura ġenerika li però lanqas dawn ma jirriflettu kumment fuq il-"fatti" għar-raġuni forzata li dawk il-"fatti" ma jeżistux. Il-Qorti tista' tagħti eżempju tipiku ta' din l-assenza ta' provi "diskriminatorju";

Joseph Felice, prodott mir-rikorrent fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 1992, qal:

"Qed niġi mistoqsi mid-difensur tar-rikorrent jekk fil-*file* dipartimenti hemmx oltre korrispondenza mill-istess rikorrent, korrispondenza b'ittri anonimi, li f'dawn l-ittri hemm riflessjonijiet dwar li kulur politiku ta' l-istess rikorrent, **dwar dan jiena ngħid illi ma naf**, però ngħid illi ma nistax neskludi dan. Il-*file* relattiv ma jkunx għandi u jkun qiegħed għand il-*Building Inspector*";

Meta xehed il-*Building Inspector*, Philip Bonnici, prodott ukoll mir-rikorrent, dan qal:

"Mill-*file* dipartimentali dwar il-każ "*de quo*" ma jirriżulta mkien li kien hemm xi korrispondenza fuq dan il-każ, ċjoè għall-applikazzjoni tar-rikorrent". (fol. 46);

10. Ir-rikors ta' appell jargumenta, jikkwota u jiddeduċi l-**punt** tad-diskriminazzjoni, iżda proprju għaliex m'hemmx is-sottostrat ta' fatti, kollox jirriżulta verament irrilevanti;

Huwa daqsxejn stramb il-lament ta' diskriminazzjoni politiku, meta r-rikors stess jibda biex jgħid li r-rikorrenti fl-1991 kien ingħata permess biex jagħmel xogħlijiet addizzjonali, u b'hekk ma sofra ebda diskriminazzjoni, waqt li sena wara, fl-1992, – mingħajr ġustifikazzjoni jew raġuni – l-posizzjoni tbiddlet u huwa ġie ddiskriminat, u ma tħalliex jagħmel xogħlijiet addizzjonali;

11. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell tar-rikorrent ma jistax jiġi milqugħ u s-sentenza appellata, inkwantu rriġġettat it-talbiet attriċi għaliex infondati fil-fatt u konsegwentement, ma jagħtu l-ebda lok għall-konsiderazzjonijiet ta' dritt, hija kkonfermata.

Spejjeż ta' l-ewwel grad kif regolati dawk ta' dan l-appell a karigu tar-rikorrent.